KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 13

Data tal-laqgħa: 15 ta' Jannar, 2020

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 15 ta' Jannar 2020 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helene Gauci |
| Viċi Sindku | Marilena Hassan |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Abraham Aquilina |
| | Carl Grech |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fil-5.30p.m. billi ntqalet it-talba.

**13/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**13/01/01** Ma kienx hemm.

**13/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**13/02/01** **Para 10/02/01:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħarġet is-sejħa għal *Contracts Managers*.

**13/02/02** **Para 10/02/02:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed tħejji sejħa għal kiri ta' van għal Kunsill.

**13/02/03** **Para 10/02/03:** Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li qed nistennew risposta mill-FTZD rigward meta l-latrini pubbliċi ser jgħaddu għandhom.

**13/02/04** **Para 10/02/04:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kaxxi tal-parkeġġ fi Triq l-Oratorju għadhom ma sarux.

**13/02/05** **Para 10/02/05:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*parking bays* fil-pjazzetta tal-*housing estate* ta' Xwieki ħa jsiru mill-kuntrattur.

**13/02/06** **Para 10/02/06:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *information panel* tal-Pjazza għadha ma twaħlitx.

**13/02/07** **Para 10/02/07:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Infrastructure Malta ser tibni ħajt fejn l-għalqa fi Triq Caravaggio k/m Triq l-Indipendenza.

**13/02/08** **Para 10/02/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li flimkien ma' Sur Abraham Aquilina qed taħdem fuq il-*heritage trail.*

**13/02/09** **Para 10/02/09:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser niġbru stimi biex il-gandott ta' Triq il-Ġnien jiġi kopert bil-gradilji tal-konkos.

**13/02/10** **Para 10/02/10:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*water culvert* fi Sqaq il-Warda ħa jsir dalwaqt.

**13/02/11** **Para 10/02/11:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kuntrattur ħa jirranġa l-kaxxa safra fi Triq San Ġwann għax ma hemmx 1m fuq kull naħa u l-bqija tiġi kaxxa tal-mutur.

**13/02/12** **Para 10/02/12:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li *bus stop* fi Triq San Ġwann faċċata ta' Joe's Garage tpoġġa u ħa jsiru *parking bays* fil-bidu ta' Triq San Ġwann in-naħa tal-kumpless Juniper Mews.

**13/02/13** **Para 10/02/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna l-AED u l-kaxxa tagħha.

**13/02/14** **Para 10/02/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew il-*Works Order Quotation* mingħand id-District Office biex isiru *bollards* f'toroq prinċipali.

**13/02/15** **Para 10/02/15:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li Triq San Bartilmew l-biċċa t'isfel ħa tiġi *one-way* jiġifieri l-karozzi jinżlu l-isfel.

**13/02/16** **Para 10/02/16:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li qed nistennew l-informazzjoni mingħand 'The Grow 10 Trees Project' għat-tabelli li ħa jitpoġġew qrib is-siġar li ħawwlu fi Triq Għaxqet l-Għajn.

**13/02/17** **Para 10/02/17:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima rigward il-ground ta' Xwieki.

**13/02/18** **Para 10/02/18:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ninsabu f'kuntatt mal-Onor. Dr Clifton Grima biex nieħdu parti mill-ġnien ta' wara l-kamra li tinsab biswit l-iskola Primarja.

**13/02/19** **Para 10/02/20:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser nipprovaw inġibu fondi biex jinbidel is-*safety flooring* ta' Ġnien il-Paċi u sabiex ikun hemm bandla għat-tfal iż-żgħar u *playhouse*. Is-Sur Christopher Fenech ressaq li nibdlu l-arbli u l-bozoz isiru LED, barra minn hekk, isir *foam* ma' dawra tal-arbli sabiex it-tfal ma jweġġgħux. Kien hemm qbil unanimu.

**13/02/20** **Para 10/02/21:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li tabella tal-isem ta' Triq San Bartilmew ordnatha.

**13/02/21** **Para 10/02/22:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozza ġdida u ż-żewġ arbli għal Triq iċ-Ċawl ġew ordnati.

**13/02/22** **Para 10/02/24:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnajna mera għal Sqaq ix-Xgħajrat.

**13/02/23** **Para 10/02/25:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex isir *line* fin-nofs ta' Triq Mons Luigi Catania k/m Triq San Ġwann.

13/02/24 **Para 10/02/26:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*perspex* għal fuq ir-*reception desk* tal-Kunsill għadha ma saretx.

13/02/25 **Para 10/02/27:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li s-Sur Salvu Fenech ser jaħdem il-bieb tal-kuritur t'isfel kif ukoll jibdel waħda mis-sellaturi tal-bieb tal-uffiċċju.

13/02/26 **Para 10/02/28:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li rridu nġibu stimi biex isir bank tal-ħadid fil-Ġnien ta' Żagħruna.

13/02/27 **Para 10/02/29:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser jerġaw jeħlu ż-żewġ *billboards*.

13/02/28 **Para 10/02/30:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ktibna lil Transport Malta biex issir *sleeping police* ħdejn il-ħruġ mill-McDonald's.

13/02/29 **Para 10/02/31:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li d-*dog bin* għal taħt it-tabella tal-ismijiet tat-toroq fil-pjazza tad-Dejma, id-*dog bin* għal Vjal ir-Repubblika u d-*dog bin* għal Triq iċ-Ċawl k/m Triq il-kbira ġew ordnati.

13/02/30 **Para 10/02/32:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ordnat iż-żebgħa sabiex il-ħaddiema assenjati mal-Kunsill jagħmlu *refreshing* ta' *zebra crossings*. Barra minn hekk, saqsiet lil AQS Med Ltd. jekk jistawx jirranġaw id-dawl ta' *zebra crossing* ta' Triq San Ġwann.

13/02/31 **Para 10/02/33:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħaddiema mid-Dipartiment tax-xogħlijiet irranġaw il-parti li waqgħet mill-ħajt ta' Triq l-Isqof Gargallo.

13/02/32 **Para 10/02/34:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li sistema tal-*video-on-demand* ġiet installata.

13/02/33 **Para 10/02/37:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bankina ta' quddiem 'D Village' fi Vjal it-Repubblika ħa ssir mill-kuntrattur.

13/02/34 **Para 10/02/38:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-arblu weħel u jonqos il-bozza ta' Triq San Bartilmew man-naħa tal-iskola.

13/02/35 **Para 10/02/40:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tpinġija mal-ħitan tal-kmamar fi Ġnien il-Paċi kważi lesta.

13/02/36 **Para 10/05/08:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ser nibdew nibdlu l-fanali tar-raħal ftit ftit.

13/02/37 **Para 10/05/13:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Mixja sal-Għar saret u kienet suċċess.

13/02/38 **Para 10/05/14:** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bankina ta' ħdejn 'D Village' fi Vjal ir-Repubblika saret.

**13/03 Komunikazzjoni mis-Sindku**

13/03/01 Is-Sindku resqet li jsiru l-kaxxi tal-parkeġġ fi Triq Vendome. Kien hemm qbil unanimu.

**13/03/02** Is-Sindku qalet li saret laqgħa mas-Supretendent Hersey rigward sorveljanza u kollaborazzjoni mal-pulizija.

**13/03/03** Is-Sindku qalet li Infrastructure Malta ħa tieħu ħsieb il-problema ta' għargħar fi Triq Caravaggio k/m Triq il-Ġnien.

**13/03/04** Is-Sindku resqet li jsiru numru ta' attivitajiet kulturali u soċjali matul din is-sena. Kien hemm qbil unanimu.

**13/03/05** Is-Sindku qalet li tkellmet mal-Perit ta' Infrastructure Malta biex forsi Triq Katerina Sammut issir bi tarmac.

**13/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**13/04/01** Ma kienx hemm.

**13/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**13/05/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 18 ta' Diċembru 2019).

**13/05/02** Ġiet innutata petizzjoni mir-residenti ta' Triq Fidiel Zarb, Triq Kromb il-Baħar u Triq San Ġorġ rigward permessi għal għeluq tat-toroq fil-viċinanza minħabba xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Huma talbu li ma jinħarġux permessi għal għeluq tat-toroq nhar ta' Erbgħa, fi tmiem il-ġimgħa u fil-festi Pubbliċi. Barra minn hekk, li xogħol isir bejn id-9:00am u 2:00pm, li jintuża makkinarju żgħir u jitħalla passaġġ deċenti għan-nies. Kien hemm qbil unanimu li l-permessi jistgħu jinħarġu mit-Tnejn sa Sibt mid-9:00am sa 2:00pm minbarra Ħdud u Festi; L-avviżi lir-residenti jridu jitqassmu minn tal-inqas 3 ijiem qabel; Ħa nibdew inġibu avviz fuq il-pagna ta' Facebook tal-Kunsill u meta jkun possibbli jintuża makkinarju żgħir u jitħalla passaġġ għan-nies.

**13/05/03** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Josef Gatt – Allokazzjoni Finanzjarja 2020.

**13/05/04** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 24 ta' Diċembru 2019).

**13/05/05** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sa. Miriam Dowling – *Letter of Acceptance – LC Care Project Grant.*

**13/05/06** Fuq is-suġġeriment sabiex jitpoġġew *reflectors* mal-*crash barriers* ta' Triq Għar San Brinkat. Kien hemm qbil unanimu.

**13/05/07** Ġiet innutata korrispondenza mill-Planning Authority (datata 8 ta' Jannar 2020).

**13/05/08** Fuq it-talba għal kaxxa safra quddiem il-garaxxijiet ta' resident fi Triq Excelsior u Triq E. Perren. Kien hemm qbil unanimu.

**13/05/09** Fuq it-talba għal *dog bin* fi Triq Fidiel Zarb. Il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li ħa jsir *dog bin* ftit metri 'l bogħod taħt it-tabella tal-ismijiet tat-toroq fil-pjazza tad-Dejma.

**13/05/10** Fuq it-talba għal *double yellow line* quddiem garaxx fi Triq l-Isqof Gargallo. Ġie deċiż li ssir *site-visit.*

**13/05/11** Fuq it-talba għal tabella ta' MC fi Triq Stiefnu Zerafa. Kien hemm qbil li ssir tabella ta' MC ħdejn kull MC *bay* li hemm f'din it-triq.

**13/05/12** Fuq it-talba ta' resident għal 1m *double yellow line* fuq kull naħa tal-garaxx fi Vjal ir-Repubblika. Kien hemm qbil unanimu.

**13/05/13** Fuq it-talba għal tabella *'parking between the lines'* fi Triq Caravaggio. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**13/05/14** Fuq it-talba għal bankina ġdida it-tul kollu tan-naħa ta' D Village fi Vjal ir-Repubblika. Kien hemm qbil unanimu.

**13/05/15** Fuq it-talba għal biċċa *rubber* fil-kantuniera mad-dar Roma fi Triq San Nikola. Kien hemm qbil unanimu.

**13/05/16** Fuq it-talba għal 1m *double yellow line* qrib 29 Triq San Ġwann biex ikun jista' joħroġ bi trakk mill-garaxx. Kien hemm qbil unanimu.

**13/05/17** Fuq it-talba għal *flexible rubber bollards* fid-daħla ta' ħdejn il-Kunsill quddiem id-djar. Kien hemm qbil unanimu.

**13/05/18** Fuq it-talba għal *dog bin* viċin l-iskola. Kien hemm qbil unanimu li jeħel fi Triq San Ġwann qrib il-kaxxa tal-Melita.

**13/05/19** Fuq it-talba biex isir servizz ta' *mini-bus* meta Triq San Ġwann tkun magħluqa. Is-Sur Christopher Fenech qal li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa joffri dan it-tip ta' servizz. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiċċekkja tistax issir.

**13/05/20** Is-Sur Abraham Aquilina ressaq li ssir bozza ġdida ma' arblu eżistenti fi triq ta' taħt il-Madonna tal-ġebla l-kbira. Kien hemm qbil unanimu.

**13/05/21** Is-Sur Aquilina ressaq li jsir 1m *double yellow line* fuq kull naħa tal-garaxx ta' Transient fi Triq Mons. Luigi Catania. Kien hemm qbil unanimu.

**13/05/22** Is-Sur Aquilina tkellem dwar il-problema tal-ħmieġ tal-klieb.

**13/05/23** Is-Sur Aquilina qal li r-Reġjun Tramuntana ser jorganizza Festival tal-Baned u Nar fil-15, 16 u 17 ta' Mejju 2020.

**13/05/24** Is-Sur Aquilina qal li r-Reġjun Tramuntana dalwaqt se jippubblika l-ktieb.

**13/05/25** Is-Sur Aquilina qal li hu issa qed jifforma parti mill-Majjistral Action Group.

**13/05/26** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li hemm bżonn daqsxejn *patching* fi Triq Santa Katerina. Kien hemm qbil unanimu.

**13/05/27** Is-Sur Fenech ressaq li t-tabella li turi li triq tidjieq, fi Triq in-Naxxar daret. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tibgħat ħaddiem sabiex jirranġaha.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**13/05/28** Is-Sur Aquilina qal li hemm *wire* baxx fi Triq Santa Katerina ħdejn tal-VRT. Is-Segretarju Eżekuttiv se tirrapportah.

**13/05/29** Is-Sur Fenech qal li l-bankijiet li hemm kif tinżel it-taraġ tal-Oratorju fi Triq E. Perren qegħdin ħażin. Ġie deċiż li ssir *site-visit* u filkas jitneħħew.

**13/05/30** Is-Sur Fenech ressaq sabiex it-tabelli ta' *zebra crossing* ta' Triq San Bartilmew jiġu iżgħar. Kien hemm qbil unanimu.

**13/06 Aġġudikazzjoni tat-Tender – *Provision and maintenance of traffic signs and road markings***

**13/06/01** Fuq l-Aġġidukazzjoni ta' Tender – *Provision and maintenance of traffic signs and road markings,* il-bord tal-għażla kien magħmul minn Carl Grech bħala ic-Chairperson, Helen Gauci, Abraham Aquilina u Christopher Fenech bħala evalwaturi kif ukoll Maria Tanti bħala s-Segretarju. Il-Kunsill qabel unanimament li l-kuntratt jingħata lil B. Grima & Sons Ltd peress li r-rati tagħhom kienu l-aktar vantaġġjużi.

**13/07 Kunsiderazzjoni tal-membri tal-bord ta' evalwazzjoni tat-*Tenders – Service tender for the collection of household waste from the locality of Ħal Għargħur using low emission service vehicle* u *Services of a Contract Manager for the Ħal Għargħur Local Council***

**13/07/01** Ġie deċiż li l-bord tal-evalwazzjoni jkun magħmul minn Carl Grech bħala ic-Chairperson, Helene Gauci, Abraham Aquilina u Christopher Fenech bħala evalwaturi kif ukoll Maria Tanti bħala s-Segretarju.

**13/08/01 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-*Performance Appraisal Reports***

**13/08/01** Ġie ippreżentat il-*Performance Appraisal Report* tas-SE u l-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport u unanimament qabel ukoll li jirrakkomanda lid-DLG sabiex is-SE tingħata *Performance bonus* ta' 10%. Is-SE ser tieħu ħsieb tibgħat il-*Performance Appraisal Report* lid-DLG. Is-SE ppreparat il-*Performance Appraisal Reports* ta' Sinjura Maria-Elizabeth Azzopardi u ta' Sinjorina Alexia Muscat. Hija rrikomandat li l-ħaddiema klerikali jingħataw *Performance bonus* ta' 6%. Il-Kunsill unanimament approva rrakkomandazzjoni tas-SE.

**13/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**13/09/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**13/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**13/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-6:45p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Frar 2020 fil-5:30pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Helene Gauci**
**Sindku**

**Maria Tanti**
**Segretarju Eżekuttiv**